# Sultan fl-Ewkaristija

Dun Louis Bezzina

```
Rit: D          A   Bm            F#m
     Ejjew hawn issa flimkien ninġabru
   G           A            D7
Madwar ir-Re tal-qlub tagħna.
     D              A     Bm
Aħna b' ferħ ġo qalbna,
                F#m
Ngħannulu hienja
   G              A            D
Għax jixtieq dejjem jgħix magħna.

Bm              F#m
Ħdejk, Mulejja, niġu lkoll
    G             A
Bit-tama f' qalbna tant imħeġġa
D               A             G
Għaliex int Sultan kollok qdusija;
    A               D
Int lilna flimkien tgħaqqad.

Bm             F#m
Int Sultan tal-ħniena
  G             A
Issejjaħ dejjem lilna
         D          A
Sabiex tista' inti tferrex
                 G
F' qalb kull bniedem
   A                D
Il-ferħ illi wiċċek juri.          Rit:


Ħdejk, Mulejja niġu lkoll
Madwar il-mejda t' ikel bnin
Illi dejjem tħejji għalina
Biex lilna flimkien tgħaqqad.

Ħobż u nbid għalina sirt
U ssejjaħ dejjem lilna
Sabiex nieklu lilek ħalli qalb kull bniedem
Inti timla b' ferħ dejjiem.        Rit:
```

